MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 2625/1998/1

**Avukat Christopher Gruppetta bhala kuratur *ad litem* ghal Margaret Pace armla ta' George Pace kif nominat b'Digriet tal-25 ta' Novembru 1998 u b'digriet tat-2 ta' Dicembru 2002 stante l-mewt ta' Margaret Pace fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Beatrice Gruppetta, Mario Pace, Joseph Pace, Esther Falzon, Ermelinda Fenech u Joseph Pace bhala mandatarju tal-assenti Anthony Pace**

**vs.**

**Joseph Abela u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat l-att ta’ citazzjoni pprezentat fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attur Avukat Christopher Gruppetta, fil-kwalità tieghu premessa, wara illi ppremetta illi l-attrici Margaret Pace u l-konvenut Joseph Abela dahlu f’kuntratt ta’ appalt b’Att Notarili ppublikat quddiem in-Nutar Dottor Tonio Spiteri fis-6 ta’ Settembru 1984, kopja annessa u markata Dok. “A”, fejn il-konvenut Abela ikkawtela il-bilanc li kien spettanti lilu, ta’ elf u tliet mitt lira Maltin (Lm1300) permezz ta’ Privilegg Specjali iskritt fil-Vol I 11605/1984, kopja ta’ l-estratt mir-Registru Pubbliku anness[a] u markat[a] Dok. “B”;  illi l-attrici Margaret Pace kienet hallset il-bilanc fl-intier tieghu sena wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt sucitat, u cioè fl-1985, kif sejjer jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza;  illi l-Privilegg Specjali sucitat ghadu ma thassarx mill-konvenut Abela - u dan in mala fede ta’ l-istess konvenut, ciò nonostante li l-hlas kien sar fl-intier tieghu mill-attrici lill-konvenut Abela kif fuq elaborat;  illi minghajr pregudizzju ghall-provi li ser jingiebu quddiem dina l-Qorti, il-konvenut Abela qatt ma vvanta xi dritt ghal xi allegat bilanc dovut ma’ l-attrici Margaret Pace jew mal-familjari taghha, tul il-perijodu kollu mill-1985 - cioè meta sar il-hlas lilu - u l-1997 meta hu gie mitlub min-Nutar Dottor George Cassar sabiex jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu u jhassar il-Privilegg Specjali sucitat;  illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-artikolu 2064 tal-Kodici Civili jiddisponi illi “*it-thassir ta’ l-iskrizzjoni jista’ wkoll jigi ordnat b’sentenza jekk ma jigix ippruvat illi l-iskrizzjoni giet maghmula ghal raguni legittima, <u>jew jekk jigi ppruvat illi l-jedd tal-kreditur spicca</u>*”; illi mill-fatti sucitati ghandu jirrizulta li l-jedd tal-kreditur spicca ladarba d-debitu kien thallas fl-intier tieghu kif suespost;  illi l-attur Christopher Gruppetta gie nominat Kuratur *ad litem* ghall-proceduri presenti permezz ta’ Digriet ta’ dina l-Qorti tal-25 ta’ Novembru 1998, kopja annessa u markata Dok. “C”;  talab ghaliex dik l-Qorti m’ghandhiex (1) tiddeciedi u tiddikjara illi l-hlas allegat mill-konvenut Joseph Abela gie saldat fl-intier tieghu mill-attrici Margaret Pace;  (2) tiddeciedi u tiddikjara illi l-jedd tal-kreditur u l-privilegg specjali sucitat spicca bhala konsegwenza tal-hlas fuq dikjarat;  (3) tordna ghaldaqstant it-thassir ta’ l-iskrizzjoni tal-Privilegg Specjali

fir-Registru Pubbliku Vol. I 11605/1984 ghall-ammont ta' elf u tliet mitt lira (Lm1300), ai termini ta' l-artikolu 2064 tal-Kodici Civili; il-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni; bl-ispejjez u bir-rizerva ta' kull dritt fil-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur nomine, u l-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku illi permezz taghha eccepixxa:
1. Illi huwa m'huwiex edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba salv li jkunu l-ahjar u soddisfacenti skond il-ligi;
2. Illi huwa m'ghandux ibati spejjez;
3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, guramentata minn Dottor Elisabeth Said, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Abela illi permezz taghha eccepixxa:
1. Illi mhuwiex minnu li Margaret Pace hallset il-bilanc dovut minnha lill-eccipjent u riferit fic-citazzjoni odjerna. Ghalhekk it-talbiet attrici huma nsostenibbli;
2. Bir-rizerva ta' eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Joseph Abela u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju, 2000 illi permezz taghha l-Qorti cahdet it-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez gudizzjarji kollha kontra l-attrici, u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Il-kawza tqieghdet fuq il-lista ta' l-1 ta' Gunju 1999 ghall-ewwel darba. Dak in-nhar kienet differita ghas-16 ta' Novembru 1999 quddiem il-qorti kif illum presjeduta 'biex il-partijiet jistradaw il-kawza'. Fis-16 ta' Novembru 1999 il-kawza kienet differita ghall-15 ta' Gunju 2000, tissejjah f'12.00 *m.d.* u tibqa' tinstema' sas-1.00 *p.m.* 'sabiex jinstemghu x-xhieda taz-zewg partijiet dwar jekk id-dejn

kienx imhallas ghal kollox’. Il-partijiet kienu nghataw ukoll zmien jressqu xhieda b’*affidavit* izda hadd minnhom ma nqeda b’din il-fakoltà;

“Fil-15 ta’ Gunju 2000, fil-hin tas-smigh tal-kawza, deher biss il-konvenut. Regghet issejhet drabi ohra sal-12.15 *p.m.* izda deher biss il-konvenut. Dan xehed, cahad li d-dejn huwa mhallas, u fisser ghala kien halla zmien ighaddi bla ma talab il-hlas li kien imiss lilu. Il-qorti temmen lill-konvenut, u hija sodisfatt li l-hlas ghadu ma sarx;

“Billi, min-naha ta’ l-attrici, ma tressqet ebda xiehda li turi li l-hlas sar, ghalkemm l-oneru tal-prova kien fuqha biex turi li hallset, lill-attrici ma sehhilhiex li tipprova l-premessi tat-talbiet taghha, u dawn it-talbiet, ghalhekk, ma jistghux jintlaqghu;”

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ l-attur Christopher Gruppetta nomine illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab li dina l-Qorti joghgobha thassar tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fl-intier taghha, kif ukoll illi tilqa’ t-talbiet attrici u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Abela bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat;

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku illi biha ssottometta illi huwa mhux edott mill-fatti li taw lok ghal dan l-appell, illi l-prezenza tieghu hija mehtiega biss ghall-finijiet tal-integrità tal-gudizzju, illi ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba u ghall-gudizzju ta’ dina l-Qorti, u illi, ghar-ragunijiet suesposti, l-ispejjez tal-istanti m’ghandhomx jigu sopportati minnu;

Rat ir-risposta tal-konvenut appellat Joseph Abela illi permezz taghha ssottometta illi ebda wahda mir-ragunijiet avanzati mill-appellant ghat-thassir tas-sentenza appellata ma hija sostenibbli skond il-ligi u ghalhekk l-appell odjern ghandu jigi respint;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji ta' l-attur nomine appellant kontra s-sentenza appellata huma, fi kliem ir-rikors ta' appell, is-segwenti:
"(1) [l-attur] gie michud mid-dritt kostituzzjonali ta' smiegh xieraq;
(2) [l-attur] gie prekluz milli jipprezenta x-xhieda tieghu quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti;
(3) ma gietx bir-rispett osservata r-regola ta' l-imparzjalità billi intuzaw zewg mizuri mal-kontendenti;"

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji hawn fuq imsemmija sejrin jigu trattati flimkien ghaliex prattikament jammontaw ghall-istess haga;

Illi ezami anke l-aktar hafif ta' l-atti processwali mhux talli juri kemm l-appellant ma ghandux ragun dwar dak illi qed jissottometti fl-aggravji tieghu, talli juri illi l-appell huwa wiehed <u>frivolu u vessatorju</u>. Infatti, fil-verbal ta' l-udjenza tas-sittax (16) ta' Novembru, 1999 (fol. 22), fost affarijiet ohra, hemm registrat hekk:
"Il-kawza differita sabiex jinstemghu x-xhieda <u>taz-zewg partijiet</u> dwar jekk id-dejn kienx imhallas ghal kollox ghall-15 ta' Gunju, 2000, tissejjah f'nofsinhar u tibqa' tinstema' sas-1.00 p.m. Il-partijiet ghandhom ukoll fakoltà iressqu x-xhieda b'affidavit, l-attur sa zmien xahrejn millum u l-konvenuti sa zmien xahrejn min-notifika." (sottolinear ta' dina l-Qorti)

Jirrizulta illi l-attur ma ressaqx xhieda b'*affidavit* la *entro* t-terminu lilu koncess mill-ewwel Qorti u lanqas sakemm giet pronunzjata s-sentenza appellata. Inoltre, tajjeb illi jigi hawn riprodott *verbatim* il-verbal ta' l-udjenza tal-15 ta' Gunju, 2000 (fol. 23), sabiex jigi dimostrat illi l-ewwel Qorti mhux talli (1) ma naqsitx milli taghti smiegh xieraq lill-appellant, (2) ma pprekludietx lill-appellant milli jipprezenta x-xhieda tieghu u (3) ma osservatx "r-regola ta' l-imparzjalità", talli uriet pacenzja ammirevoli fil-konfront ta' l-appellant:

"Meta ssejhet il-kawza deher il-konvenut assistit minn Dr. John Vassallo. L-atturi ma dehrux. Il-kawza giet posposta ghal hames minuti.
L-atturi regghu issejhu f'12:05 u baqghu ma dehrux. Il-kawza regghet giet posposta ghal hames minuti ohra.
Il-kawza ssejhet ghat-tielet darba f'12:10 u l-atturi baqghu ma dehrux.
Xehed il-konvenut Joseph Abela, imsejjah mill-Qorti.
Regghu ssejhu l-atturi fil-12:15 u baqghu ma dehrux.
Il-Qorti rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Novembru, 1999;
Tqis maghluq il-gbir tax-xhieda u tiddifferixxi l-kawza ghas-sentenza ghat-23 ta' Gunju, 2000." (sottolinear ta' dina l-Qorti)

Ikkunsidrat:

Illi, sabiex verament jintwera kemm ir-rikors ta' appell huwa nieqes mis-serjetà, tajjeb illi jigi citat il-penultimu paragrafu ta' l-istess rikors:
"Illi finalment jinghad illi l-appellant lanqas ma gie notifikat bis-sentenza mghoddija kontrieh, u sar jaf bl-istess sentenza biss lejliet l-iskadenza tat-terminu ghall-Appell;"

Kwalunkwe kumment iehor fir-rigward ikun superfluwu!

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjes ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-appellanti, b'dan illi, peress illi l-appell interpost huwa wiehed frivolu u vessatorju, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 223(4) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12, tordna lill-appellanti jhallsu spejjes doppji lill-konvenuti appellati.

--------------------------------TMIEM--------------------------------